Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea, ir-Repubblika Ellenika naqset li twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Settembru 2007 — Sellier vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-191/07 P)

"Appell — Terminu — Inammissibbiltà"

Proċedura — Terminu ta' appell — Estinzjoni — Każ fortuwit jew ta' forza maġġuri (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 45(2); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 37(6) u 81(2) (ara l-punti 7, 9)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-15 ta' Jannar 2007, Sellier vs Il-Kummissjoni (T-276/06), li bih il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tar-rikorrent intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ta' l-14 ta' Lulju 2006, li tagħlaq il-każ ta' l-ilment tiegħu mingħajr ma tieħu azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' l-allegata inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-leġiżlazzjoni Franċiża dwar id-depożitu ta' fondi miżmuma minnutara ma' ċerti banek.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) J. Sellier għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta' l-20 ta' Settembru 2007 — Nestlé vs L-UASI

(Kawża C-193/06 P)

"Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1) (b) — Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali 'QUICKY' — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade marks verbali nazzjonali preċedenti QUICKIES — Probabbiltà ta' konfużjoni — Evalwazzjoni globali"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew simili rreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili [Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)] (ara l-punti 34-35, 46-47, 76)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tat-22 ta' Frar 2006, Nestle vs L-UASI, intervenjent: Quick restaurants SA (kawża T-74/04), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-17 ta' Diċembru 2003 (Każ R 922/2001-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Société des produits Nestlé SA u Quick restaurants SA.